Hatedemics

# Għodod Edukattivi

Nifhmu, nipprevjenu u naġixxu kontra l-kliem ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni

# Hatedemics. Għodod Edukattivi

Miktuba u editjata minn: Jan Dąbkowski (Iċ-Ċentru għall-Edukazzjoni dwar iċ-Ċittadinanza, il-Polonja), Dariusz Grzemny, Vivian Rangel (Maldita, Spanja), [PEOPLE WHO TAKE PART IN CUSTOMIZING A NATIONAL VERSIONS OF THE TOOLKIT]

Dawn l-Għodod Edukattivi nħolqu bħala parti mill-proġett HATEDEMICS — "Il-ħolqien ta' xkiel għad-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni permezz ta' teknoloġiji bbażati fuq l-Intelligenza Artifiċjali sabiex dawn jipprevjenu u jiġġieldu l-polarizzazzjoni u t-tixrid ta' diskors razzist, ksenofobiku, u intolleranti u teoriji ta' kumplott."

L-għan tal-proġett huwa li jsaħħaħ il-miżuri preventivi u reattivi kontra d-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni mxerrda online. Il-proġett jagħti s-setgħa lill-għaqdiet non-governattivi u dawk tas-soċjetà ċivili, verifikaturi tal-fatti, awtoritajiet pubbliċi, u attivisti żgħażagħ biex jipprevjenu u jiġġieldu b'mod effettiv il-polarizzazzjoni, it-tixrid ta' diskors razzist, ksenofobiku, u intolleranti, kif ukoll teoriji ta' kumplott.

Pubblikatur:
Traduzzjoni għall-Malti: Ċentru tal-Ilsien Malti
Qari tal-Provi tal-Malti: Ċentru tal-Ilsien Malti
It-tqassim u d-disinn: Kinga Kurach

Drittijiet tal-awtur © 2025 L-imsieħba fil-Konsorzju HATEDEMICS. Id-drittijiet kollha riżervati.
HATEDEMICS huwa proġett tal-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV) appoġġjat mill-Unjoni Ewropea taħt il-Ftehim ta' Għotja (GA) nru 101143249.
Inti għandek permess tikkopja u tiddistribwixxi kopji verbatim ta' dan id-dokument, li fih dan l-avviż dwar id-drittijiet tal-awtur. Kwalunkwe modifika ta' dan id-dokument mhijiex permessa.

Il-fehmiet u l-opinjonijiet espressi huma dawk tal-awtur(i) biss u mhux neċessarjament jirriflettu dawk tal-Unjoni Ewropea jew tal-EACEA. La l-Unjoni Ewropea u lanqas l-awtorità li qed toffri l-għotja ma jistgħu jinżammu responsabbli għalihom

# Table of contents


Introduzzjoni 3
Id-diżinformazzjoni u d-diskors ta' mibegħda 3
Relazzjoni bejn id-diżinformazzjoni u d-diskors ta' mibegħda 4
Kawżi li jwasslu għad-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni 6
Fallaċji loġiċi assoċjati mad-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni 7
Preġudizzji konjittivi 8
L-importanza tar-reazzjoni għad-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni 9
Reazzjoni għad-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni 10
Narrattiva, kontronarrattiva u narrattiva alternattiva 11
Linji gwida dwar l-istil u l-kontenut tar-rispons għad-diskors ta' mibegħda u l-kontenut falz 12
Id-Diversità tal-azzjonijiet possibbli 14
Il-ħsieb kritiku u l-litteriżmu fil-qasam tal-media 14
Il-verifika tal-fatti 15
Il-Mistoqsijiet kruċjali fl-analiżi tal-informazzjoni 17
Qari laterali 17
Attivitajiet edukattivi 19
Attività 1. Għaliex jimpurtana 19
Attività 2. Valutazzjoni permezz tal-qari laterali 22
Attività 3. Mekkaniżmi, preġudizzji u fallaċji 25
Attività 4: Agħraf id-diskors ta' mibegħda! 27
Attività 5. Kif tibqa' kalm 29
Linji ta' għajnuna 30

# Introduzzjoni

L-għodod edukattivi u ta' taħriġ huma indirizzati lill-partijiet ikkonċernati bħall-għalliema u l-iskejjel, l-edukaturi li jaħdmu ma' għaqdiet non-governattivi u dawk tas-soċjetà ċivili (speċjalment dawk li jittrattaw l-edukazzjoni fil-media, il-verifika tal-fatti, l-edukazzjoni kontra d-diskriminazzjoni u d-drittijiet tal-bniedem), iżda wkoll mal-awtoritajiet pubbliċi lokali/nazzjonali. Dawn jikkonsistu f'introduzzjoni għal x'inhuma d-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni u kif dawn il-fenomeni jinteraġixxu flimkien, proposta edukattiva u metodoloġika, għodod u xenarji didattiċi intenzjonata għal ħidma maż-żgħażagħ. Dan kollu huwa maħsub għal ħidma maż-żgħażagħ biex tħejjihom jifhmu aħjar u jirreaġixxu għad-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni online.

## Id-diżinformazzjoni u d-diskors ta' mibegħda

Id-diżinformazzjoni u d-diskors ta' mibegħda huma fenomeni relatati mill-qrib ma' xulxin, iżda pjuttost distinti. Ma hemm l-ebda definizzjoni maqbula b'mod universali taż-żewġ termini, madankollu, abbażi ta' dokumenti eżistenti legali, akkademiċi u dawk li jitrattaw politiki varji, huwa faċli li jiġu ddeterminati l-karatteristiċi tagħhom.

**Id-diskors ta' mibegħda** jista' jiġi definit bħala l-espressjoni ta' opinjonijiet offensivi, diskriminatorji, u kontenut jew komunikazzjonijiet immirat lejn gruppi speċifiċi ta' nies jew individwi abbażi tal-karatteristiċi tal-identità tagħhom, bħall-ġeneru, l-età, l-orjentazzjoni sesswali, in-nazzjonalità, l-etniċità, ir-reliġjon, il-kulur tal-ġilda, id-diżabbiltà jew oħrajn.[1]

**Id-diżinformazzjoni** hija kontenut falz kondiviż bl-intenzjoni li jikkawża l-ħsara. Il-ħolqien ta' dan it-tip ta' kontenut ħafna drabi huwa mmotivat mix-xewqa li wieħed jaqla' flus, jikseb il-pubbliċità jew iżid l-influwenza politika.[2]

Il-kunċett tad-diżinformazzjoni huwa relatat mill-qrib mal-kunċett tal-miżinformazzjoni u l-malinformazzjoni. Il-miżinformazzjoni hija informazzjoni falza jew żbaljata kondiviża minħabba fin-nuqqas ta' għarfien u mingħajr l-intenzjoni li tiġi kkawżata ħsara. Fl-aħħar nett, il-malinformazzjoni hija meta informazzjoni vera tiġi kondiviża f'kuntest differenti, f'dati differenti, jew deliberatament bl-għan li tikkawża ħsara, bħall-pubblikazzjoni ta' data privata.[3]

---

[1] Ispirat minn: What is hate speech? (X'inhu d-diskors ta' mibegħda?) https://www.un.org/en/hate-speech/tifhem-hate-speech/what-is-hate-speech

[2] https://firstdraftnews.org/long-form-article/understanding-information-disorder

[3] ibidem op.cit.

## Relazzjoni bejn id-diżinformazzjoni u d-diskors ta’ mibegħda

It-tabella[4] ta’ hawn taħt tista’ tgħinek tixħet dawl fuq l-affarijiet komuni u d-differenzi bejn id-diskors ta’ mibegħda u d-diżinformazzjoni. Jista’ jkun utli wkoll li jiġu identifikati ż-żewġ fenomeni.

<table>
<tr><th></th><th>Diskors ta’ mibegħda</th><th>Diżinformazzjoni</th></tr>
<tr><td>MIRA</td><td>Individwi jew gruppi li jikkondividu ċerti karatteristiċi tal-identità, bħall-ġeneru, in-nazzjonalità, l-etniċità, ir-reliġjon, l-orjentazzjoni sesswali jew oħrajn</td><td>L-istess bħal fid-diskors ta’ mibegħda, flimkien ma’:<br>- Individwi jew gruppi b’karatteristika komuni, bħall-impjieg (politiċi)<br>- Persuni bi rwol statali jew mhux statali (il-Gvern, istituzzjonijiet, organizzazzjonijiet mhux governattivi)<br>- Valur jew ideal (eż. id-demokrazija)</td></tr>
<tr><td rowspan="2">KONTENUT</td><td>- Tixwix li jwassal għall-mibegħda u/jew għall-vjolenza<br>- Talbiet li ssir diskriminazzjoni abbażi tal-identità<br>- Kontenut li huwa diżumanizzanti<br>- L-użu ta’ tgħajjir insulenti ibbażat fuq l-identità<br>- Il-lingwa m’għandhiex għalfejn tkun aggressiva</td><td>- Kontenut qarrieqi (eż. il-kondiviżjoni ta’ dikjarazzjonijiet foloz)<br>- Kontenut maħluq biex iqarraq (eż. stqarrijiet ibbażati fuq riċerka ineżistenti, statistika magħżula kif jaqbel (‘cherry-picked’), testi editjati)<br>- Kontenut imfassal biex jimmina l-fiduċja fl-istituzzjonijiet u fil-proċessi uffiċjali (eż. teoriji ta’ kumplott)</td></tr>
<tr><td colspan="2">- Kontenut maħluq mill-bnedmin jew bl-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni (eż. l-IA)<br>- Ċaħda u tgħawwiġ tal-fatti jew ta’ xi avvenimenti storiċi (eż. l-Olokawst)<br>- Kontenut imfassal biex jenfasizza d-differenzi li jinsabu fi ħdan il-grupp jew ‘il barra mill-grupp<br>- Maħluq bl-intenzjoni li jagħmel ħsara<br>- Jista' jieħu ħafna forom - kliem, stampi, filmati, materjal awdjo, memes fuq l-internet</td></tr>
</table>

[4] Obbażi ta’: Wardle C., A Conceptual Analysis of the Overlaps and Differences between Hate Speech, Misinformation and Disinformation (Analiżi Kunċettwali tad-Diskrepanzi u d-Differenzi bejn id-Diskors ta’ Mibegħda, il-Miżinformazzjoni u d-Diżinformazzjoni), il-Ġnus Magħquda 2024.

<table>
<tr><th></th><th>Diskors ta’ mibegħda</th><th>Diżinformazzjoni</th></tr>
<tr><td rowspan="2">GĦAN</td><td>- Li jiġu ddiżumanizzati individwi jew gruppi<br>- Li jeħel ħaddieħor (‘scapegoating’) (eż. jingħata t-tort lil ċerti gruppi għall-problemi tas-soċjetà)<br>- Li jiġu rredikolati u umiljati ċerti persuni jew gruppi abbażi tal-identità tagħhom</td><td>L-istess bħal fid-diskors ta’ mibegħda, flimkien ma’:<br>- Li jiżdiedu t-tensjoni u l-inkwiet fis-soċjetà<br>- Li titnaqqas il-fiduċja fl-istituzzjonijiet u/jew fl-organizzazzjonijiet<br>- Li jiġu mmanipulati l-prinċipji u l-proċessi demokratiċi (eż. l-elezzjonijiet)<br>- Li jiġu mmalafamati l-istituzzjonijiet/l-organizzazzjonijiet u tiġi rrovinata r-reputazzjoni tagħhom</td></tr>
<tr><td colspan="2">- Li jiġu mxerrda ċerti ideoloġiji u biex jinkiseb l-appoġġ<br>- Li jinfluwenzaw il-mod kif jaħsbu nies oħra u li jippromwovu valuri li huma importanti għall-mandant, għal xi raġuni jew oħra. Din ir-raġuni normalment ma tkunx waħda onorabbli.</td></tr>
<tr><td rowspan="2">IMPATT</td><td>- Reati ta’ mibegħda (immirati lejn individwi jew/u l-proprjetà tagħhom abbażi tal-identità tan-nies)<br>- Ġenoċidju, delitti kontra l-umanità<br>- It-tisħiħ jew l-intensifikazzjoni tal-istereotipi u l-preġudizzji eżistenti fis-soċjetà</td><td>- L-impatt fuq l-elezzjonijiet (parteċipazzjoni aktar baxxa, riżultati mmanipulati, riżultati mhux leġittimi)<br>- Id-demokrazija hija mminata u l-istituzzjonijiet huma fil-mira tal-vjolenza (eż. il-qerda tal-bini jew tal-bnadar)<br>- Tnaqqis fil-fiduċja fl-istituzzjonijiet/l-organizzazzjonijiet<br>- Inkwiet soċjali (eż. strajks, dimostrazzjonijiet vjolenti, reżistenza għal miżuri ta’ politika)</td></tr>
<tr><td colspan="2">- Tagħlaq ħalq il-persuni jew il-gruppi li jinsabu fil-mira<br>- Irtirar mill-ħajja pubblika<br>- Ħsara psikoloġika u/jew fiżika (eż. Id-dipressjoni, attentati suwiċidali, l-użu ta’ vjolenza fiżika)<br>- Ħsara fir-reputazzjoni (kemm individwali kif ukoll istituzzjonali)<br>- Żieda fil-polarizzazzjoni u l-biża’<br>- Żieda fil-mibegħda u fl-ostilità lejn individwi u/jew gruppi</td></tr>
<tr><td>FEJN</td><td colspan="2">Offline: brochures, fuljetti, posters, murali, graffiti, f’konverżazzjonijiet, dimostrazzjonijiet<br>Online: posts fil-media soċjali, reklami online, gruppi online (privati jew pubbliċi), apps tal-messaġġi, użu ta’ kontijiet foloz,<br>Mezzi tax-xandir: Xandir fuq it-televiżjoni u r-radju, gazzetti<br>Oħrajn: konferenzi u seminars, kanzunetti, dibattiti pubbliċi</td></tr>
</table>

# Kawżi li jwasslu għad-diskors ta’ mibegħda u d-diżinformazzjoni

Mhuwiex faċli li jiġi ddeterminat x’jikkawża d-diskors ta’ mibegħda, peress li kull eżempju jeħtieġ li jiġi mistħarreġ individwalment. Jista’ jkun hemm fatturi interni li jġiegħlu lin-nies jużaw id-diskors ta’ mibegħda, bħall-karatteristiċi tal-personalità, it-twemmin f’ideoloġiji vjolenti u diskriminatorji, in-nuqqas ta’ għarfien jew informazzjoni, eċċ. F’xi każijiet, in-nies jistgħu jkunu motivati minn nies oħrajn sabiex isaħħu l-identità tal-grupp. Madankollu, hemm mekkaniżmi soċjali li huma assoċjati mal-użu tad-diskors ta’ mibegħda, bħal:

- **Stereotip:**[5] fix-xjenzi soċjali, l-istereotipi huma rappreżentazzjonijiet konjittivi speċifiċi ta’ gruppi differenti ta’ nies. L-istereotipi huma ġeneralment persistenti ħafna u ma jinbidlux faċilment. Dawn ir-rappreżentazzjonijiet konjittivi huma ġġeneralizzati ħafna u jissimplifikaw ir-realtà. Dan kollu huwa assoċjat ma’ emozzjonijiet qawwija li huma evalwattivi fin-natura tagħhom (dan huwa tajjeb, dan huwa ħażin). Nitgħallmu l-biċċa l-kbira tal-istereotipi mill-ambjent soċjali tagħna – il-familja, l-iskola, ix-xogħol, il-ħbieb, eċċ. Huma wkoll riprodotti fil-kultura (films, kotba tal-iskola, reklami). Il-lingwa għandha rwol importanti fit-trażmissjoni u t-tisħiħ u l-preservazzjoni tal-istereotipi (bl-użu ta’ termini negattivi biex jiġu deskritti “l-oħrajn” u pożittivi biex jiġi deskritt il-grupp li nidentifikaw miegħu). Eżempji: “It-Taljani jsajru tajjeb u dejjem umoristiċi ħafna” jew “L-Afrikani huma fqar u bil-ġuħ.”.

- **Preġudizzji:**[6] l-istereotipi jistgħu jevolvu maż-żmien u jsiru preġudizzji – attitudnijiet lejn ċerti gruppi ta’ nies ibbażati fuq informazzjoni mhux ippruvata, iġġeneralizzata u li mhix sħiħa. Fuq livell emozzjonali, dawn huma assoċjati ma’ sentimenti bħall-biża', l-ansjetà, id-disgust jew is-sens ta’ periklu. Fuq livell ta’ mġiba, dawn normalment iwasslu għall-evitar ta’ ċerti nies jew gruppi ta’ nies. Eżempju: Tħossok iddisgustat b’persuni gay.

- **Diskriminazzjoni:**[7] il-preġudizzji jistgħu jwasslu għal diskriminazzjoni – it-trattament inġust tan-nies minħabba f’min huma, eż. l-esklużjoni tagħhom minn avvenimenti pubbliċi, it-tkeċċija mix-xogħol, eċċ. Eżempju: ma jimpjegawx lil xi ħadd minħabba fl-isfond etniku tiegħu.

- **Scapegoating:**[8] Tort mhux iġġustifikat li jingħata lil xi ħadd għal xi ħaġa. L-iscapegoating jista’ jseħħ fuq skala żgħira (eż. fl-iskola, fejn persuna partikolari tiġi identifikata minn grupp ta’ studenti oħra u tingħata t-tort għal affarijiet li ma għamlitx) jew fuq livell ta’ skala makro (eż. fi żmien ta’ kriżi, in-nies ifittxu l-fehim, xi spjegazzjoni u l-fejqan, u jsibu “il-perċimess” li, jekk jiġi eliminat mill-grupp jew maqtul, ifejjaq is-sitwazzjoni). Eżempju: Għalliem jitfa' t-tort kollu fuq student wieħed minn klassi sħiħa storbjuża, minkejja li ħafna studenti kienu qed jitkellmu.

[5] CONSTELLATIONS, A manual for working with young people on the topic of racism and invisible racism: (KONSTELLAZZJONI, Manwal għall-ħidma maż-żgħażagħ dwar is-suġġett tar-razziżmu u r-razziżmu inviżibbli:)
[6] Ibid.
[7] Ibid.
[8] https://psycnet.apa.org/record/2012-10977-001

**Etnoċentriżmu:**[9] It-twemmin li l-grupp etniku jew in-nazzjon tiegħu stess huwa aħjar minn ħaddieħor. Ħafna drabi din tidher f'disgust lejn nies oħra li huma kulturalment jew etnikament differenti. Dan jista' jwassal għad-diskriminazzjoni jew il-vjolenza. Eżempju: Għalliem jiċċelebra biss il-vaganzi mill-kultura tiegħu stess u jinjora jew jiċħad dawk ta' oħrajn, bħal eżempju jirrikonoxxi biss il-Milied iżda mhux id-Diwali, l-Eid, jew Is-Sena l-Ġdida Lunari, minkejja l-preżenza ta' studenti minn dawk il-kulturi fil-klassi.

## Fallaċji loġiċi assoċjati mad-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni

Il-kontenut tad-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni kultant jista' jidher konvinċenti ħafna. Dan għaliex in-nies li jkompli fit-tisħiħ tad-diskors ta' mibegħda ħafna drabi jiddependu fuq twemmin li ma jreġix – fejn tinqeda bl-użu ta' narrattiva dwar gruppi fil-mira tal-mibegħda biex tiġġustifika l-kawżi tagħhom u t-twemmin tagħhom, biex in-nies li jiltaqgħu ma' dan il-kontenut iqisuh bħala raġonevoli u veritier. Twemmin żbaljat ta' dan it-tip jista' jinqeda bi premessi foloz jew veri, iżda jasal għal konklużjonijiet foloz, jew jinqeda bi premessi u konklużjonijiet veri iżda b'argument falz. Fallaċji bħal dawn huma prodotti bl-intenzjoni li jqarrqu jew jagħmlu l-miżinformazzjoni virali.

Hemm ħafna fallaċji[10] li jidhru fid-diskors ta' mibegħda. T'hawn taħt huma xi wħud minnhom:

- **Argumentum ad populum** – mod superfiċjali ta' kif wieħed jargumenta, li fih il-kelliem jappella għall-gosti, il-preferenzi u l-preġudizzji tal-folla. Billi jibbaża fuq l-egoiżmu nazzjonali, l-istinti, l-istereotipi jew il-preġudizzji, il-kelliem jipprova jirbaħ il-massa biex din tallinja mat-teżi tiegħu (eż. Il-maġġoranza tan-nies f'pajjiżna jaħsbu hekk, għalhekk dan huwa l-mod kif għandna naġixxu.);

- **Ipse dixit** – il-mod kif wieħed jargumenta mingħajr ma jipprovdi prova valida (eż. Partit politiku qal dan, allura din minnha.);

- **Fallaċja li taqbad triq għan-niżla** – isseħħ meta xi ħadd jiddikjara li pożizzjoni jew deċiżjoni se twassal għal sensiela ta' konsegwenzi negattivi mhux intenzjonati (eż. Ma nistgħux inħallu lill-immigranti jibqgħu f'pajjiżna għax inkella jġibu l-familji tagħhom hawn u jkollhom it-tfal, u dan se jwassal għat-telfien tal-impjiegi tagħna u l-kollass tas-sistema tas-sigurtà soċjali, u b'riżultat ta' dan se nkunu fqar u nitilfu l-kontroll ta' pajjiżna.);

- **Fallaċja tal-'jew hekk jew hekk'** – fejn xi ħadd jiddikjara li hemm biss żewġ modi kif wieħed jista' javviċina l-kwistjoni, filwaqt li fil-verità jkun hemm ħafna għażliet oħra (eż. Tista' jew tivvota għal dan il-partit jew tgħix ħajtek f'periklu kostanti.);

[9] https://www.merriam-webster.com/dizzjunarju/etnoċentriżmu
[10] Jekk inti interessat li taqra aktar dwarhom, ara hawn, hawn, hawn, hawn, hawn and hawn.

- **Post hoc, ergo propter hoc** – żball loġiku fil-konklużjoni żbaljata li tikkunsidra li hemm rabta kawżali bejn żewġ avvenimenti, sempliċiment minħabba li wieħed seħħ qabel l-ieħor (eż. Minn mindu kellna għalliema ġdida tal-matematika, bdejt inġib marki ħżiena. Mela huwa bilfors minħabba din l-għalliema li m'iniex sejjer tajjeb.);

- **Argumentum Ad Hominem** – meta xi ħadd jattakka lill-persuna li qed tagħmel l-argument aktar milli jattakka lill-argument innifsu (eż. Tismax l-opinjoni ta' Pietru dwar il-proġett tal-grupp – dak għażżien u qatt ma jagħmel xejn tajjeb.);

- **Tagħżel (b'ingann) dak li tgħid** – meta xi ħadd jippreżenta b'mod selettiv evidenza li tappoġġja l-argument tiegħu filwaqt li jinjora jew jiċħad evidenza li tikkontradixxih (eż. Id-diskors ta' mibegħda ma jagħmilx ħsara. Ħares lejn dan l-istudju li jgħid li dan huwa biss offensiv, u mhux perikoluż – filwaqt li tinjora għexieren ta' studji oħra li juru l-ħsara psikoloġika u soċjali tad-diskors ta' mibegħda.);

- **Appell għat-tradizzjoni** – meta argument jassumi li xi ħaġa hija tajba jew vera sempliċiment minħabba li tradizzjonalment dejjem hekk saret jew hekk ġiet emmnuta, mingħajr ma jiġi meqjus jekk din għadhiex valida fil-kuntest attwali (eż. Fl-iskola tagħna dejjem kellna aktar irġiel milli nisa fil-kunsill tal-iskola, u dejjem ħdimna tajjeb hekk.).

- **Argument abbażi ta' aneddotu** – xi ħadd juża esperjenza jew storja waħda, li ħafna drabi hija personali, biex jappoġġja konklużjoni jew pretensjoni ġenerali (eż. Ma naħsibx li d-diskors ta' mibegħda jwassal għal ħsara reali. Nisma' n-nies jiċċajtaw b'mod offensiv il-ħin kollu, u ma naf lil ħadd li ġie affettwat serjament.);

- **Fallaċja Ad ignorantiam** – xi ħadd jargumenta li stqarrija hija vera jew falza sempliċiment minħabba li m'hemmx evidenza li din mhix minnha (eż. Ħadd qatt ma ġab provi li l-istudenti jqarrqu waqt l-eżamijiet online, u għalhekk dan ifisser li mhux vera jiġri hekk.).

## Preġudizzji konjittivi [11]

Il-moħħ tagħna juża ċerti taqsiriet biex jgħinna nieħdu deċiżjonijiet ta' malajr fil-ħajja ta' kuljum. Dawn ix-shortcuts jgħinuna niffukaw biss fuq l-aktar informazzjoni importanti, biex ma nitgħabbewx u ma ningħelbux b'kulma naraw u nisimgħu. Bis-saħħa t'hekk, il-moħħ jaħdem b'mod aktar effiċjenti. Madankollu, l-iżvantaġġ huwa li dawn ix-shortcuts kultant jistgħu jwassluna nagħmlu ċerti żbalji jew nifhmu ħażin l-affarijiet, minħabba l-preġudizzji (konjittivi) fil-ħsieb tagħna.
Aħna lkoll affettwati minn preġudizzji konjittivi fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħna, u dawk li jxerrdu d-diżinformazzjoni jifhmuhom sew dawn il-preġudizzji. Hawn taħt hawn xi eżempji ta' preġudizzji konjittivi:

[11] Jekk inti interessat li taqra aktar dwarhom, ara hawn u hawn.

- **Preġudizzju ta' sħubija** – tendenza fejn jiġi ffavorit grupp fuq oħrajn (eż. Il-kumitat għażel li jiffinanzja l-proġett immexxi mill-kollega tiegħu, minkejja li proposta oħra kienet aktar b'saħħitha, u qal: Aħna nafu u nafdaw lin-nies tagħna stess.);

- **Preġudizzju ta' disponibbiltà** – it-tendenza li wieħed jiddependi fuq informazzjoni li tiġi mill-ewwel f'moħħu (eż. Wara li jara rapport tal-aħbarijiet dwar it-tiġrif tal-ajruplani, xi ħadd jinsisti li t-titjir huwa aktar perikoluż mis-sewqan, minkejja li l-istatistika turi mod ieħor);

- **Preġudizzju ta' kawżalità** – iseħħ meta n-nies jemmnu li hemm relazzjoni bejn avvenimenti li fil-fatt huma indipendenti minn xulxin (eż. Kull darba li nilbes il-kalzetti l-iffortunati tiegħi, it-tim tiegħi jirbaħ – bis-saħħa tagħhom jirbaħ).;

- **Preġudizzju dwar elementi mhux viżibbli** – it-tendenza li wieħed jara lilu nnifsu bħala xi ħadd li jgħaddu inqas ġudizzji minn persuni oħra  (eż. Jien ġust u oġġettiv, għall-kuntrarju ta' oħrajn li jħallu s-sentimenti tagħhom itappnu l-fatti);

- **Preġudizzju ta' konferma** – it-tendenza li wieħed ifittex, jinterpreta, jiffavorixxi u jfakkar informazzjoni b'mod li jikkonferma twemmin preċedenti (eż. Xi ħadd li jemmen li t-tilqim huwa perikoluż jaqra biss artikli li jappoġġjaw din il-fehma u jiċħdu r-riċerka xjentifika li jxejnuha.);

- **Preġudizzju ta' awtorità** – tendenza li wieħed jiġi influwenzat aktar mill-opinjonijiet ta' nies f'awtorità (eż. Għandu jkun minnu dan – għax tabib famuż qal hekk fuq it-TV – anke jekk ma jkun hemm ebda evidenza soda.).

## L-importanza tar-reazzjoni għad-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni

Id-diskors ta' mibegħda għandu konsegwenzi negattivi fuq il-ħajja ta' dawk affettwati, iżda għandu wkoll impatt negattiv fuq is-soċjetà kollha kemm hi. Id-diskors ta' mibegħda flimkien mad-diżinformazzjoni jistgħu jwasslu għall-istigmatizzazzjoni, id-diskriminazzjoni u l-vjolenza fuq skala kbira.[12] Li wieħed jipproteġi lilu nnifsu u lill-oħrajn mid-diskors ta' mibegħda mhuwiex biss id-dmir morali ta' kull individwu, iżda kultant anke obbligu legali.[13] Ir-reazzjoni għad-diskors ta' mibegħda mhux dejjem tkun faċli. Din jista' jkun tkun teħtieġ xi kompetenzi, bħall-kapaċità li nkunu responsabbli tal-konsegwenzi tal-azzjonijiet tagħna, in-nuqqas ta' biża', jew ħafna saħħa morali. Madankollu, id-diskors ta' mibegħda, meta jitħalla mingħajr tweġiba, jista' jeskala l-vjolenza u jiġġenera aktar mibegħda, li tista' twassal għal konsegwenzi severi. Għalhekk, aħna nemmnu li r-reazzjoni hija dejjem neċessità. Din hija l-motivazzjoni tagħna u l-ispirtu tal-proġett Hatedemics.

[12] Samantha Bradshaw, Disinformation and Identity-Based Violence, Stanley Center for Peace and Security, 2024 and Case Study: Hate Speech (Diżinformazzjoni u Vjolenza Bbażata fuq l-Identità, iċ-Ċentru Stanley għall-Paċi u s-Sigurtà, 2024 u Studju tal-Każ: Diskors ta' Mibegħda), UNU CPR: https://unu.edu/cpr/report/case-study-hate-speec

[13] Criminalisation of hate speech and hate crime in selected EU countries (Il-kriminalizzazzjoni tad-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda f'pajjiżi magħżula tal-UE), informazzjoni ppreżentata: 04-11-2024, il-Parlament Ewropew: https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2024/766226/EPRS_BRI(2024)766226_EN.pdf

## Reazzjoni għad-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni

Hemm ħafna modi kif tista' tieħu azzjoni, anke jekk ma tkunx personalment fil-mira ta' diskors ta' mibegħda jew d-diżinformazzjoni:

- **EDUKA** lilek innifsek u lill-oħrajn: Żid l-għarfien tiegħek dwar l-istereotipi, il-preġudizzju, id-diskriminazzjoni u l-vjolenza, u eduka lill-oħrajn dwar id-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni;
- **ANALIZZA b' mod KRITIKU** l-messaġġi tal-media u pprattika l-ħila tal-ħsieb kritiku tiegħek;
- **WIEĠEB** posts ta' mibegħda u ta' diżinformazzjoni fuq in-networks soċjali u fil-media permezz ta' informazzjoni bbażata fuq l-evidenza;
- **APPOĠĠJA** lill-persuni li jesperjenzaw jew li esperjenzaw diskors ta' mibegħda jew li saru vittmi ta' reati ta' mibegħda;
- **IRRAPPORTA** diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni direttament lill-amministraturi tas-sit elettroniku jew lill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, jekk ikun hemm suspett ta' reat kriminali;
- **ĦEĠĠEĠ ATTIVAMENT** fl-attivitajiet ta' gruppi informali u organizzazzjonijiet mhux governattivi li jiġġieldu kontra d-diskors ta' mibegħda, ir-reati ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni.

Il-prattiki ta' ħidma tal-organizzazzjonijiet li joħolqu l-proġett Hatedemics fil-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni juru li dawn huma l-benefiċċji tar-reazzjoni għad-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni:

- Jgħaddu messaġġ ċar li l-individwi jew il-gruppi fil-mira tad-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni mhumiex waħedhom — li xi ħadd jimpurtah minnhom.
- Jgħinu biex jinħolqu spazji aktar sikuri għal kulħadd, speċjalment f'ambjenti online.
- Jipprovdu sens ta' awto-sodisfazzjon u żvilupp personali sħiħ.
- Iħeġġu lil ħaddieħor biex jitkellem u jieħu azzjoni.
- Iġeddu sens ta' twemmin fis-solidarjetà u l-azzjonijiet tal-bnedmin.
- Jikkontribwixxu għall-bini ta' soċjetà aktar ġusta u ekwa.
- Jgħinu biex jitnaqqas l-impatt tad-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni fuq dawk affettwati.

## Narrattiva, kontronarrattiva u narrattiva alternattiva

Id-diskors ta' mibegħda jista' jkun **narrattiva** li tuża kliem, filmati u stampi biex tiddiżumanizza u tumilja lin-nies minħabba f'min huma. Din tixhed wkoll il-biżgħat, li ħafna drabi jitqanqlu meta l-ideat u l-fantasiji li m'għandhom x'jaqsmu xejn mar-realtà jingħataw riedni ħieles.

Mod kif wieħed jirreaġixxi għad-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni huwa bl-użu tal-kontranarrattivi, li jistgħu jiġu deskritti bħala tweġibiet konċiżi għall-kontenut, bl-għan li jiddekostruwixxu u jiskreditaw il-messaġġi.[14] Dawn jaġixxu bħala reazzjonijiet għall-messaġġi li huma bbażati fuq il-fatti u li mhumiex aggressivi, bl-għan li jiddekostruwixxu, jiskreditaw u jiddemistifikaw ideat li jagħmlu l-ħsara u li fuqhom ikun inbena d-diskors ta' mibegħda.[15]

**Il-kontronarrattivi** jintużaw biex jimblukkaw jew jisfidaw il-mibegħda f'żewġ sitwazzjonijiet ewlenin: l-ewwel, billi jwieġbu malajr għall-mibegħda mmirata lejn in-nies wara inċidenti speċifiċi, u t-tieni, billi jikkonfrontaw narrattivi ta' mibegħda b'għeruq fondi marbuta mal-preġudizzju tas-soċjetà jew mas-setgħa politika. Dawn l-approċċi jagħtu s-setgħa lill-attivisti, lill-edukaturi u lill-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ biex jiġġieldu l-mibegħda b'mod aktar effettiv.

**Narrattivi alternattivi,** b'kuntrast mal-kontronarrattivi, ifittxu li jissostitwixxu jew jegħlbu messaġġi ta' mibegħda billi jimlew id-diskors b'kontenut pożittiv u kostruttiv, u jippromwovu valuri pożittivi u dak li tirrappreżenta s-soċjetà, aktar milli dak li topponi. Dawn jipprovdu perspettivi jew stejjer ġodda li jippromwovu l-inklużjoni, id-diversità, ir-rispett, u d-drittijiet tal-bniedem.

Filwaqt li ż-żewġ strateġiji għandhom l-għan li jiġġieldu d-diskors ta' mibegħda, **il-kontronarrattivi huma reattivi** u direttament jisfidaw ideat li jagħmlu l-ħsara, filwaqt li **narrattivi alternattivi huma proattivi,** u jipprovdu stejjer ġodda li jagħtu s-setgħa li jrawmu kultura ta' inklużjoni u rispett.

**Eżempju:**

- Kontronarrattiva: Li twieġeb għal kontenut ksenefobiku billi tikkoreġi dak li mhux veritier, tispjega l-fatti dwar il-migranti, u tiċħad kunċetti żbaljati
- Narrattiva Alternattiva: It-tixrid ta' stejjer ta' integrazzjoni b'suċċess, li tiċċelebra d-diversità, u li tenfasizza l-benefiċċji li l-komunitajiet differenti jġibu lis-soċjetà

[14] We CAN! Taking Action against Hate Speech through Counter and Alternative Narratives, Council of Europe 2017, p. 80 (Aħna NISTGĦU! Nieħdu Azzjoni kontra d-Diskors ta' Mibegħda permezz ta' Kontromiżuri u Narrattivi Alternattivi, il-Kunsill tal-Ewropa 2017, pġ. 80)

[15] https://pjp-eu.coe.int/en/web/human-rights-speech/step-3-deciding-and-defining-what-you-want-to-transfer-human-rights-based-counter-or-alternative-narratives

Narrattivi alternattivi jirrakkontaw stejjer li juru dinja li fiha: id-drittijiet tal-bniedem ta' kull persuna huma rrispettati, li l-ħajja ta' kull bniedem għandha valur, li m'hemmx tweġibiet faċli jew soluzzjonijiet għall-problemi, u li fi ħdan dawn, id-dinja mhix bajda jew sewda.

L-għan primarju ta' narrattivi alternattivi bbażati fuq il-valuri tad-drittijiet tal-bniedem huwa li jinbnew modi alternattivi ta' ħsieb u għajxien fis-soċjetà billi jiġi sfidat id-diskors popolari fis-soċjetà, li jeskludi jew li huwa oppressiv fil-konfront ta' ċerti gruppi soċjali. Filwaqt li d-diskors ta' mibegħda huwa għodda ta' oppressjoni, narrattivi alternattivi huma għodda ta' emanċipazzjoni. In-narrattivi alternattivi għalhekk joffru stampa differenti tad-dinja minn dik li ħafna drabi tidher fil-media jew f'konverżazzjonijiet mal-ħbieb. Dawn in-narrattivi jagħtuna l-opportunità li nuru l-pożizzjoni tagħna u nesprimu dawk il-valuri li huma importanti għalina. Narrattivi alternattivi ma jippolarizzawx lis-soċjetà – ma jaqsmuhiex f'"aħna" u "huma" – pjuttost jiffukaw li jagħtu ħarsa kritika lejn ir-realtà u jipproponu mod alternattiv ta' ħsieb, filwaqt li jqisu l-fatti u l-emozzjonijiet, u li hemm spazju fejn fih il-gruppi soċjali kollha jistgħu jeżistu fil-paċi u fl-armonija flimkien.[16]

**Eżempju:**

Il-kampanja ta' Amnesty International, *Look Refugees in the Eye* (Ħares f'għajnejn ir-refuġjati), tinkludi filmat li jumanizza l-esperjenza tar-refuġjati billi jiffoka fuq stejjer personali aktar milli fuq l-istatistika. Il-filmat juri lir-refuġjati bħala individwi b'familji, ħolm u aspirazzjonijiet, u dawn jisfidaw l-istereotipi u jippromwovu l-empatija. Il-kampanja ġiet segwita minn miljuni fuq diversi pjattaformi.[17]

## Linji gwida dwar l-istil u l-kontenut tar-rispons għad-diskors ta' mibegħda u l-kontenut falz

Irrispettivament mis-sitwazzjoni, huwa essenzjali li jinżamm ton kalm, kif ukoll attitudni edukata u rispettuża. Li ġejjin huma xi ideat ewlenin ta' dan il-proċess:

- Evita lingwaġġ abbużiv;
- Indirizza l-messaġġ, mhux l-awtur tal-messaġġ;
- Żomm lura milli tuża tikketti diviżivi (eż. razzisti, faxxisti);
- Uża s-sarkażmu b'kawtela — dan jista' jiġi pperċepit bħala xi ħaġa ostili jew jista' sempliċiment jiġi mifhum ħażin;
- Empatizza mal-biżgħat jew l-ansjetajiet li jkunu l-bażi tal-kawża tal-espressjoni ta' mibegħda;
- Irrispondi b'tenerezza u pożittività.

[16] We CAN! Taking action against hate speech through counter and alternative narratives, Council of Europe 2017 (NISTGĦU! Nieħdu azzjoni kontra d-diskors ta' mibegħda permezz ta' kontromiżuri u narrattivi alternattivi, il-Kunsill tal-Ewropa 2017):

[17] https://www.amnesty.org/en/latest/news/2016/05/look-refugees-in-the-eye/

## Twieġeb għad-diskors ta' mibegħda billi:

- Tinkoraġġixxi lill-interlokutur biex jevita l-ġeneralizzazzjonijiet;
- Tappoġġja lill-persuni/grupp fil-mira;
- Tisfida l-istereotipi negattivi bl-użu tal-:
- Fatti,
- L-istejjer u l-esperjenzi personali tiegħek;
- Tipprovdi kuntest dwar l-oriġini tal-istereotipi.

## Twieġeb għal kontenut falz billi:

- Tirribatti b'informazzjoni preċiża, bl-użu ta' fatti u statistika, u billi tikkwota s-sorsi;
- Toffri kuntest u kawtela kontra l-ġeneralizzazzjoni żejda;
- Tenfasizza l-konsegwenzi tat-tixrid tal-miżinformazzjoni;
- Tissuġġerixxi li jiġu kkonsultati sorsi affidabbli;
- Tikkwota sorsi oriġinali, meta l-kontenut huwa barra mill-kuntest, l-aħbarijiet mhumiex preċiżi jew skaduti, u l-istampi huma mibdula, u tqabbilhom ma' fatti preċiżi;
- Tiċċara l-oriġini u l-kuntest taċ-ċajt, jekk hemm involviment ta' aħbarijiet satiriċi, u dan tqabblu ma' informazzjoni preċiża;
- Tiddeskrivi l-metodu ta' manipulazzjoni użat (eż. meta jintuża scapegoating, fejn xi ħadd ikun qed jeħel hu mingħajr ma t-tort ikun tiegħu, tiddefinixxi kif jaħdem);
- Meta tiċħad l-affarijiet li mhumiex veri, ikkomunika l-fatti fil-bidu u fl-aħħar, u dan għax ir-repetizzjoni tal-informazzjoni tgħin biex tiftakarha.[18]

[18] https://newslit.org/tips-tools/news-lit-tip-rinse-repeat/

## Id-Diversità tal-azzjonijiet possibbli

Ir-reazzjoni għad-diskors ta' mibegħda u l-kontenut falz hija importanti u tista' tieħu ħafna forom differenti. Kultant, tkun trid tirrapportaha lill-fornitur tas-servizz, kultant tkun lest li tidħol fid-diskussjoni u turi dawk il-fatti li ma jappoġġjawx id-dikjarazzjoni li tkun saret, u f'okkażjonijiet oħra, tkun trid tesplora għaliex il-persuna tkun qiegħda tgħid affarijiet li jistgħu jitqiesu bħala diskors ta' mibegħda jew foloz. Madankollu, hemm sitwazzjonijiet fejn tista' tiddeċiedi li tinjora d-diskors ta' mibegħda. Ikun rilevanti li jseħħ dan fir-rigward ta' nies li jxerrdu l-mibegħda u l-kontenut falz bħala forma ta' tiftix għall-attenzjoni, peress li l-involviment jista' jamplifika l-influwenza tagħhom. F'xi każijiet, ir-rispons jista' jeskala l-kunflitti jew ikompli jxerred ideat li jagħmlu l-ħsara. Tista' tinjoraha jew saħansitra timblokka l-utent meta ma tħossokx sikur. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, tkun trid titkellem ma' xi ħadd dwarha u tara kif dan jista' jappoġġjak fl-għażla tal-aħjar mod kif twieġeb. Dejjem għandek tiddeċiedi għalik innifsek x'inhi l-aħjar tweġiba f'sitwazzjoni partikolari, u jekk għandek xi problemi jew dilemma, ikkuntattja lil xi ħadd qrib tiegħek, lil xi ħadd li tafda, u aħseb dwar kif tisgħu twieġbu flimkien.

## Il-ħsieb kritiku u l-litteriżmu fil-qasam tal-media

Il-ħsieb kritiku huwa kompetenza ewlenija biex jiġu evitati d-diżinformazzjoni u d-diskors ta' mibegħda – azzjoni ta' riflessjoni u waħda li permezz tagħha ssir konxju tad-data, il-kuntest u ċ-ċirkostanzi kollha possibbli relatati mas-sitwazzjoni osservata jew l-informazzjoni miġbura biex b'hekk tinftiehem bl-aħjar mod.

Mod wieħed kif jiġu żviluppati il-ħiliet ta' ħsieb kritiku huwa li wieħed jitgħallem dwar il-media u jsir aktar litterat f'dan il-qasam, peress li dan jgħin lin-nies isiru konsumaturi u ħallieqa tal-kontenut tal-media aktar infurmati u responsabbli fid-dinja tal-lum, li hija għanja fl-informazzjoni. Il-Litteriżmu fil-qasam tal-media jista' jiġi definit bħala l-kapaċità li:

- **Tiddekodifika l-messaġġi tal-media (inklużi s-sistemi li jeżistu fihom);**
- **Tivvaluta l-influwenza ta' dawk il-messaġġi fuq il-ħsibijiet, is-sentimenti u l-imġiba; u**
- **Toħloq media b'iktar ħsieb u kuxjenza.**[19]

[19] https://medialiteracynow.org/challenge/what-is-media-literacy/

# Il-verifika tal-fatti

Ir-rwol tal-verifikaturi tal-fatti mhuwiex ġdid: **il-preċiżjoni, ir-rigorożità u l-informazzjoni bbażati fuq id-data u l-fatti huma fil-qalba tal-ġurnaliżmu ta' kwalità**, u f'dan is-sens, il-verifika hija parti minn prattika ġurnalistika tajba. Fl-Istati Uniti, mis-snin tletin, entitajiet prestiġjużi tal-media, bħar-**rivista New Yorker** kellhom professjonisti ddedikati għall-verifika. Il-kompitu tagħhom kien li jirrevedu l-ħidma tal-ġurnalisti u jikkonfermaw li ssodisfaw standards etiċi (il-preċiżjoni, ir-rappreżentazzjoni ta' diversi fehmiet, sorsi u data kontrastanti, eċċ.).

Fil-bidu tas-seklu 21, madankollu, il-verifika tal-fatti bdiet tikber malajr fl-Istati Uniti. Diversi organizzazzjonijiet impjegaw ġurnalisti biex jivverifikaw id-dikjarazzjonijiet magħmula minn politiċi fuq programmi televiżivi jew f'sessjonijiet parlamentari, bħall-**FactCheck.org**, **Politifact.com** u l-Washington Post Fact Checker.[20] Bidliet kbar fl-ekosistema tal-media - bħall-aċċess mifrux għall-internet (issa disponibbli għal aktar minn nofs il-popolazzjoni tad-dinja),[21] iż-żieda fl-użu tal-mowbajls, u l-proliferazzjoni tal-media soċjali - għamluha aktar faċli kemm biex tipproduċi kif ukoll biex tikkonsma varjetà ta' formati ta' kontenut. Qatt ma kellna daqshekk aċċess għall-informazzjoni, iżda fl-istess ħin, ngħixu taħt attakk kostanti ta' ċajt qarrieqi u gideb.

Biż-żieda ta'aħbarijiet foloz, il-ħtieġa għal verifikaturi tal-fatti saret saħansitra aktar evidenti. Minbarra l-verifika tad-diskors politiku u ġurnalistiku, id-diskors pubbliku wkoll inħtieġlu jiġi skrutinizzat. Iċ-ċajt qarrieqi deher kullimkien u f'formati varji — minn data mmanipulata kkwotata minn politiċi fuq X (eks Twitter) għal memes, klipps awdjo, u ritratti dekontestwalizzati — li kollha fihom informazzjoni falza mfassla biex tqarraq. Il-verifika tal-fatti, li diġà kienet parti mill-metodoloġija ġurnalistika, bdiet tiġi rrikonoxxuta bħala ġeneru distint u issa hija meqjusa bħala wieħed mill-aktar kompiti importanti fl-ekosistema tal-ġurnaliżmu diġitali.[22]

[20] Tista' taqra aktar dwarha fil-ktieb ta' Lucas Grave "The Rise of Political Fact-Checking in American Journalism" (Il-Qawmien tal-Verifika Politika fil-Ġurnaliżmu Amerikan), https://cup.columbia.edu/book/deciding-whats-true/9780231542227/

[21] L-għadd ta' utenti tal-internet u tal-media soċjali madwar id-dinja minn Frar 2025: https://www.statista.com/statistics/617136/digital-population-worldwide/?__sso_cookie_checker=ma rnexxiex

[22] https://ora.ox.ac.uk/objects/uuid:a7450b2f-f5a7-4207-90e2-254ec5de14e2/files/m3da900b71ba84b74d67fbe8c65880f1a

L-objettiv tal-verifika tal-fatti huwa li ċ-ċittadini jingħataw għodod u informazzjoni li jippermettulhom jiffurmaw opinjonijiet bid-data u l-fatti vverifikati kollha disponibbli u, konsegwentement, jieħdu deċiżjonijiet infurmati.[23] Informazzjoni falza tista' tinfluwenza kif taħseb is-soċjetà u kif tittratta l-problemi ta' kuljum, u huwa għalhekk li l-missjoni ċentrali tal-verifikaturi tal-fatti hija li joffru d-data u jitfgħu dawl fuq dawn il-kwistjonijiet. B'mod ġenerali, il-**verifika tal-fatti tinvolvi l-identifikazzjoni ta' ċajt qarrieqi, il-verifika tal-kontenut tagħhom, u t-tixrid taċ-ċaħda ta' dak li mhux veritier.**

Ix-xogħol ta' verifikatur tal-fatti jfisser li għandu jiġi segwit kodiċi strett ta' prinċipji, trasparenza u metodoloġija. Fl-2015 inħoloq in-Network Internazzjonali għall-Verifika tal-Fatti (**IFCN**), biex jappoġġja d-diversi inizjattivi ta' verifika tal-fatti billi jippromwovi l-aħjar prattiki u skambji f'dan il-qasam; kif ukoll biex jiċċertifika li l-verifikaturi tal-fatti madwar id-dinja jwettqu xogħolhom skont l-ogħla standards ta' kwalità u etika. Fl-2022, kważi 50 organizzazzjoni tal-verifika tal-fatti fl-Ewropa ngħaqdu biex joħolqu n-Network Ewropew tal-Istandards għall-Verifika tal-Fatti (**EFCSN**). L-objettivi ċentrali kienu li jiġu definiti standards ogħla ta' verifika, kif jixraq lir-realtà Ewropea u li jinbena kodiċi ta' integrità professjonali għall-verifikaturi tal-fatti Ewropej indipendenti u organizzazzjonijiet OSINT (Intelligenza minn sorsi miftuħin).

Meta xi nies jaħsbu dwar verifikatur tal-fatti, jaraw biss ġurnalist li jħares lejn stqarrija, jiċċekkjaha u jikkonferma jekk hijiex vera jew le. Madankollu, il-ġlieda effettiva kontra d-diżinformazzjoni, illum il-ġurnata, tinvolvi ħafna aktar minn hekk:

- l-identifikazzjoni rapida ta' **ċajt qarrieqi** possibbli qabel ma dan isir virali u jaffettwa aktar nies;
- jispjega li mhux kollox huwa abjad jew iswed, u jgħin lin-nies ikunu ppreparati sew kontra dak li hu falz permezz tal-Litteriżmu fil-qasam tal-media jew ir-regolamenti;
- il-ħolqien ta' għodod li jagħmluha aktar diffiċli għal oħrajn biex iqarrqu bina, jew il-ġlieda kollettiva kontra l-manipulazzjoni, huma wħud mill-kompiti tal-verifikaturi tal-fatti llum il-ġurnata.

[23] https://commission.europa.eu/topics/countering-information-manipulation/cooperative-fact-checkers-civil-society-media-and-academia_mt

## Il-Mistoqsijiet kruċjali fl-analiżi tal-informazzjoni

Ħamsa mill-mistoqsijiet ewlenin tal-ġurnaliżmu jikkostitwixxu lista ta' kontroll li tintuża biex jiġi żgurat li l-introduzzjoni (l-ewwel parti tax-xogħol ġurnalistiku) ikun fiha l-punti essenzjali kollha ta' storja. Biex tikteb storja tajba, min qed jirrapporta għandu jwieġeb:

**Għal min (Who)** hi l-istorja?
**X'inhi (What)** l-istorja?
**Fejn (Where)** ġrat l-istorja?
**Meta (When)** seħħet l-istorja?
**Għaliex (Why)** ġara dan?[24]

Dawn il-mistoqsijiet, wara ż-żieda tal-mistoqsija **Kif? (What)** jistgħu jiġu żviluppati f'lista ta' kontroll li tista' tgħin biex jiġi analizzat il-kuntest ta' kwalunkwe informazzjoni, filwaqt li jiġu pprattikati l-ħiliet tal-ħsieb kritiku.
Tista' tistaqsi dwar id-dettalji, il-benefiċċji u l-ħsarat, ir-raġunijiet, ir-riżultati u s-soluzzjonijiet, il-perspettivi murija u n-nuqqasijiet, l-importanza (jew le), l-influwenza u l-interdipendenza tagħhom, kif ukoll il-potenzjal, is-sorsi, is-similaritajiet u d-differenzi, il-valuri u l-istili ta' ħajja konnessi. Iċċekkja l-**Ultimate Cheatsheet for Critical Thinking**[25] (L-aqwa nota għall-għajnuna fil-Ħsieb Kritiku) imħejjija mill-Fondazzjoni Globali taċ-Ċittadini Diġitali għall-ispirazzjoni.

## Qari laterali

Il-qari laterali huwa teknika li tippermettilna nivvalutaw malajr jekk il-kontenut ta' paġna ta' sit elettroniku hux ġej minn sorsi affidabbli u jekk huwiex ibbażat fuq data ta' kwalità, referenzi, u informazzjoni. F'**riċerka li saret mill-Grupp tal-Edukazzjoni tal-Istorja**[26] **ta' Stanford**, l-edukaturi skoprew li dan huwa mod effiċjenti biex bih tiġi vvalutata l-kwalità ta' sit elettroniku mhux familjari.

Din l-**istrateġija** b'saħħitha[27] użata mill-verifikaturi tal-fatti biex jevalwaw l-informazzjoni online tinvolvi qari differenti tas-sit elettroniku, u minflok ma s-sit jinqara "vertikalment", daqslikieku kien dokument stampat, minflok jintuża metodu msejjaħ "qari laterali". Dan ifisser li s-sit elettroniku jiġi analizzat billi tiftaħ diversi tabs biex twieġeb mistoqsijiet ewlenin dwar il-kontenut.

- Min hu l-awtur tal-kontenut? Huwa sors espert?
- Nistgħu nsibu evidenza? Huwa bbażat fuq fatti u data?
- Huwa ppubblikat minn sorsi affidabbli oħra? X'jgħidu dwar dan?

24 Tista' taqra aktar dwar l-oriġini ta' din il-parti fil-qasam ġurnalistiku hawnhekk: https://en.wikipedia.org/wiki/Five_Ws
25 https://blog.education.nationalgeographic.org/2017/01/20/12-things-we-learned-this-week-8/ultimate-critical-thinking-worksheet/
26 https://cor.inquirygroup.org/research/lateral-reading-on-the-open-internet
27 https://cor.inquirygroup.org/curriculum/collections/teaching-lateral-reading

Minbarra l-mistoqsijiet ewlenin ta' hawn fuq, it-teknika tal-qari laterali tistedinna nippromwovu l-ħsieb kritiku u nanalizzaw aktar fil-fond aspetti oħra tal-kontenut, bħal:[28]
Min jiffinanzja jew jisponsorja s-sit fejn ġie ppubblikat x-xogħol oriġinali?

- X'jgħidu sorsi awtorevoli oħra dwar dak is-sit?
- Meta tfittex is-suġġett tax-xogħol oriġinali, ir-riżultati ewlenin ġejjin minn organizzazzjonijiet li jivverifikaw il-fatti?
- Tqajmu xi mistoqsijiet dwar artikli oħra li kiteb l-awtur?
- L-informazzjoni li ssib xi mkien ieħor tikkontradixxi x-xogħol oriġinali?
- L-entitajiet tal-aħbarijiet kredibbli qed jirrapportaw dwar — jew forsi aktar importanti minn hekk, ma jirrapportawx dwar — x'qed taqra?

Il-qari laterali jgħinna nevalwaw aħjar is-sorsi tal-informazzjoni tagħna - jiġifieri, biex niddistingwu bejn il-verità u l-gideb - u biex neżerċitaw konxjament id-dritt tagħna li nagħżlu kif naċċessaw l-informazzjoni.

[28] https://newslit.org/tips-tools/expand-your-view-with-lateral-reading/

# Attivitajiet edukattivi

## DIKJARAZZJONI/ĊAĦDA (DISCLAIMER)

L-eżerċizzji f'din it-taqsima jistgħu jevokaw reazzjonijiet emozzjonali differenti fil-parteċipanti, speċjalment meta jittrattaw suġġetti diffiċli bħalma hu d-diskors ta' mibegħda. Biex tiżgura l-kumdità u s-sigurtà ta' kulħadd, hija idea tajba li tiddefinixxi b'mod ċar ir-regoli tad-diskussjoni fil-bidu tas-sessjoni, inkluż ir-rispett reċiproku, id-dritt li tesprimi l-emozzjonijiet tiegħek, u l-għażla li tirtira mill-eżerċizzju fi kwalunkwe ħin. Il-faċilitaturi għandhom jenfasizzaw li l-għan huwa li jitgħallmu kif jirrikonoxxu u jiġġieldu kontra d-diskors ta' mibegħda, u mhux li jirriproduċuh jew jaċċettawh. Bil-ħolqien ta' atmosfera ta' fiduċja u onestà, ħeġġeġ il-parteċipanti jaqsmu s-sentimenti tagħhom u pprovdu ħin għad- diskussjoni wara l-eżerċizzji. Dan jippermetti lill-parteċipanti jesploraw b'mod sikur suġġetti diffiċli, ffilwaqt li jiżviluppaw empatija lejn l-oħrajn.

## Attività 1 **Għaliex jimpurtana**

Id-drittijiet fundamentali tal-bniedem deskritti mill-Ġnus Magħquda fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem[29] jipproteġu u jiddefendu d-dinjità, l-ugwaljanza u l-libertà tal-persuni kollha. Uħud minnhom huma elenkati hawn taħt f'verżjoni ssimplifikata.

**L-objettivi tal-attività:**

- L-iżvilupp tal-għarfien dwar id-drittijiet tal-bniedem;
- Jitkattar l-għarfien dwar ir-rabta bejn id-drittijiet tal-bniedem u d-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni;
- It-tagħlim ta' argumenti relevanti li jservu ta' reazzjoni għad-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni.

**Età tal-istudenti:** 10 snin 'l fuq

**Ħin:** 60 minuta

You can show a short video about human rights before starting the activity: **What are the universal human rights? - Benedetta Berti**

[29] https://www.un.org/en/about-us/universali-dikjarazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem

**Kompitu:**

1. Staqsi lill-parteċipanti biex jiffurmaw 12-il grupp. Kull grupp jiġbor biċċa minn jigsaw puzzle.
2. Kull grupp jiddiskuti t-tifsira tad-dritt tal-bniedem miktub fuq il-biċċa tiegħu. Wara 5 minuti, l-ewwel grupp iqiegħed il-biċċa tal-puzzle tiegħu fuq ħajt jew bord u jispjega xi jfisser għalih dak id-dritt u kif jingħaqad mad-diskors ta' mibegħda. Tista' żżid mal-ispjegazzjoni tagħhom jekk ikun meħtieġ.
3. Il-grupp li jmiss iżid il-biċċa l-ġdida tiegħu ma' dik preċedenti u jispjega t-tifsira tad-dritt tagħhom u r-rabta tagħha mad-diskors ta' mibegħda. Irrepeti dan il-proċess sakemm il-gruppi kollha jkunu qasmu u ħolqu s-sett kollu tal-jigsaw puzzles.

**Sommarju tal-attività:**

- Kont taf bihom diġà, dawn l-imsemmija drittijiet tal-bniedem? Liema minnhom kienu ġodda għalik?
- Kien faċli jew diffiċli li tispjega t-tifsira ta' dawn id-drittijiet u ssib rabta bejniethom u diskors ta' mibegħda?
- B'liema mod jista' l-għarfien tad-drittijiet tal-bniedem jgħin fir-reazzjoni għad-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni?

**Art. 1.** Il-bnedmin kollha jitwieldu ħielsa u ugwali fid-dinjità u d-drittijiet.

**Art. 2.** Kulħadd għandu d-dritt li jiġi ttrattat bl-istess mod, irrispettivament mir-razza, il-kultur, is-sess, il-lingwa, ir-reliġjon, l-opinjoni politika, il-proprjetà, it-twelid, jew kwalunkwe status ieħor.

**Art. 3.** Kulħadd għandu d-dritt għall-ħajja u li jgħix fil-libertà u s-sigurtà.

**Art. 5.** Kulħadd għandu d-dritt li jkun ħieles mit-tortura u minn trattament inuman u degradanti.

**Art. 7.** Il-liġi hija l-istess għal kulħadd.

**Art. 13.** Kulħadd għandu d-dritt li jgħix u jivvjaġġa liberament fi ħdan il-fruntieri tal-istat.

**Art. 14.** Kulħadd għandu d-dritt li jmur f'pajjiż ieħor u jitlob protezzjoni jekk ikun qed jiġi ppersegwitat jew ikun fil-periklu li jiġi ppersegwitat.

**Art.16.** Kulħadd għandu d-dritt li jiżżewweġ u jkollu familja.

**Art. 18.** Kulħadd għandu d-dritt li jemmen dak li jrid (inkluż ir-reliġjon, iżda dan id-dritt mhux limitat għal hekk biss).

**Art. 19.** Kulħadd għandu d-dritt li jgħid dak li jaħseb u li jagħti u jirċievi kwalunkwe informazzjoni

**Art. 29.** Kulħadd għandu jirrispetta d-drittijiet ta' ħaddieħor.

**Art. 30.** Ħadd m'għandu d-dritt li jneħħi xi wieħed minn dawn id-drittijiet.

## Attività 2 **Valutazzjoni permezz tal-qari laterali**

Il-qari laterali huwa teknika li tippermetti li f'temp qasir jiġi vvalutat jekk il-kontenut ta' paġna ta' sit elettroniku hux ġej minn sorsi affidabbli jew jekk huwiex ibbażat fuq data ta' kwalità, referenzi u informazzjoni.

**L-objettivi tal-attività:**

- Tagħlim dwar it-trasparenza u l-fatturi li jagħtu kredibbiltà lis-sors
- L-iżvilupp ta' kompetenza li tgħin fl-identifikazzjoni ta' sorsi affidabbli ta' informazzjoni

**Età tal-istudenti** 13-il sena 'l fuq

**Ħin:** 45 minuta

**Kompitu:**

Agħżel kwalunkwe sit elettroniku u evalwa l-kredibbiltà tiegħu bl-użu tal-metodu ta' qari laterali.

Eżempju ta' kif tagħmel dan:
It-teknika tal-qari laterali tista' tiġi applikata għal kwalunkwe paġna elettronika. Fl-eżempji li ġejjin, nistgħu naraw kif nistgħu ngħinu lill-istudenti jipprattikawha billi jużaw kompjuter u jiftħu tabs multipli biex jivverifikaw malajr jekk sit elettroniku jistax jitqies bħala sors ta' informazzjoni ta' kwalità.
Agħżel is-sit elettroniku li tixtieq tiċċekkja/tivverifika u segwi l-istruzzjonijiet hawn taħt.

EEżempju 1: **https://medlineplus.gov**

**1. Min hu l-awtur tal-kontenut?** L-ewwel li nagħmlu huwa li nfittxu informazzjoni dwar l-awturi.

Insibu li l-paġna hija maħluqa mil-Librerija Nazzjonali tal-Mediċina tal-Istati Uniti u tipprovdi informazzjoni dwar l-awturi tagħha fit-taqsima "Dwar": **https://medlineplus.gov/about**

Is-sit elettroniku jiddikjara li jappartjeni għall-NIH (Istituti Nazzjonali tas-Saħħa) u tabilħaqq jidderiġik lejn il-Librerija Nazzjonali tal-Mediċina. Barra minn hekk, il-paġna tuża d-dominju .gov (użat minn siti elettroniċi uffiċjali tal-gvern), li jipprovdi livell ieħor ta' kredibbiltà fir-rigward tal-kontenut tagħha.

**2. Nistgħu nsibu xi evidenza?** Il-paġna tippubblika l-metodoloġija tagħha, li tinkludi konsultazzjoni ma' sorsi governattivi multipli bħall-Food and Drug Administration (FDA) u sorsi xjentifiċi rrikonoxxuti oħra. L-informazzjoni fi ħdan dawn is-sorsi tiġi rriveduta u aġġornata fi żminijiet differenti. Huma jindikaw ukoll lista ta' **reviżuri esperti**.

**3. Huwa ppubblikat minn sorsi affidabbli oħra, is-sit?** Aħna niftħu tabs oħra u nfittxu l-"MedlinePlus".

Il-Librerija Nazzjonali tal-Mediċina tiddikjara li MedlinePlus toffrilek "**informazzjoni affidabbli u aġġornata dwar is-saħħa**". Barra minn hekk, **USA.gov** jiddikjara li tista' "tikseb **informazzjoni affidabbli dwar is-saħħa** minn MedlinePlus".

Fil-Wikipedija (**f'artiklu b'referenzi xierqa**) insibu li l-"MedlinePlus" huwa servizz ta' informazzjoni online pprovdut mil-Librerija Nazzjonali tal-Mediċina tal-Istati Uniti. Din tipprovdi informazzjoni dwar is-saħħa mingħajr ħlas, bl-Ingliż u bl-Ispanjol. Il-materjal irid jissodisfa sett strett ta' kriterji tal-għażla biex dan jista' jiġi inkluż."

Fil-prinċipju, ma sibna l-ebda informazzjoni li tixħet dubju jew tikkritika l-kontenut ta' MedlinePlus. Nistgħu nikkonkludu li MedlinePlus huwa sit elettroniku li jipprovdi informazzjoni ta' kwalità għolja u li hija faċli biex tinftiehem, dwar is-saħħa. Il-metodoloġija tagħha hija ċara u trasparenti, u bbażata fuq diversi sorsi. L-awturi tiegħu huma identifikati u traċċabbli b'mod korrett. Għalhekk, nistgħu nikkonkludu li dan is-sit huwa sors xieraq għall-informazzjoni dwar suġġetti relatati mas-saħħa.

Eżempju 2: **https://thepeoplesvoice.tv**

**1. Min hu l-awtur tal-kontenut?** L-ewwel li nagħmlu huwa li nfittxu informazzjoni dwar l-awturi.
Ma nistgħux insibu din l-informazzjoni, u hemm sempliċiment referenza vaga dwar "it-tim tagħna ta' kittieba" fit-"**taqsima intitolata 'dwarna**'". Nistgħu naqraw li "Is-sit elettroniku ThePeoplesVoice.tv (is-"Sit") huwa magħmul minn diversi paġni elettroniċi operati minn "Fact Checked Limited."

Tiftixa għal "Fact Checked Limited" ma tipprovdix informazzjoni dwar l-awturi tas-sit web. Minflok, jitilgħulna espożizzjonijiet minn siti elettroniċi li jivverifikaw il-fatti bħall-**Afrika** check, il-**Maldita** u **TheCanadianPress**, li jenfasizzaw li kontenut falz ġie ppubblikat minn Fact Checked Limited.

Jekk niċċekkjaw xi wħud mill-"artikli tal-aħbarijiet" ippubblikati, nistgħu nsibu li **Baxter Dmitry** huwa l-awtur ta' diversi artikli. Tiftixa għal Baxter Dmitry ma tirriżulta f'ebda informazzjoni dwar l-allegat ġurnalist (bħall-bijografija tiegħu, profil LinkedIn jew kontributi oħra f'media differenti). Minflok, insibu xi artikli li juru li Baxter Dmitry huwa **kontributur regolari** ta' dan is-"sit ta' realtà alternattiva" u li qabel kien qed jippreżenta ruħu **bħala raġel Latvjan li m'għandu xejn x'jaqsam miegħu bl-użu ta' ritratt tal-profil misruq**.

**2. Nistgħu nsibu xi evidenza?** Il-paġna ma tippubblikax il-metodoloġija tagħha. Insibu li "Il-Vuċi tal-Poplu" hija sit elettroniku indipendenti tal-aħbarijiet u tad-divertiment li jaħdem bi qligħ. "Aħna niġġeneraw dħul permezz tar-reklamar", imma mhuwiex ċar min jiffinanzja dan is-sit elettroniku.

Id-dikjarazzjoni ta' ċaħda li tinsab taħt **it-termini tal-użu** ta' "Il-Vuċi tal-Poplu" tiddikjara li l-kontenut tagħha jista' ma jkunx preċiż jew affidabbli u jista' "jinkludi l-ineżattezzi". Ovvjament, kwalunkwe sit tal-media jista' jagħmel xi żbalji, iżda huwa kemxejn suspettuż li jkollok sit tal-media li jammetti li l-ineżattezzi jistgħu jokkorru frekwentament. Ma nistgħux insibu informazzjoni dwar is-sorsi, "l-allegati investigazzjonijiet" jew min huma l-isponsors.

**3. Huwa ppubblikat minn sorsi affidabbli oħra, is-sit?** Fil-**Wikipedija** nsibu li "Il-Vuċi tal-Poplu (li qabel kien magħruf bħala "NewsPunch" u "Your News Wire") huwa sit elettroniku Amerikan tal-aħbarijiet foloz ibbażat f'Los Angeles. L-artiklu tal-Wikipedija juri lista ta' referenzi, inklużi artikli minn verifikaturi tal-fatti u investigazzjonijiet akkademiċi li jirrapportaw li "The People' Voice" ippubblika diversi stejjer foloz, inkluż il-**Pizzagate Conspiracy Theory** u l-**Anti-vaccination hoaxes**.

Wara li applikajna l-metodu tal-qari laterali, sibna li "Il-Vuċi tal-Poplu" **mhux sors affidabbli**. Dan għandu d-dehra ta' sit elettroniku tal-media u jippubblika kontenut b'"Fact Checked ittimbrat", iżda fil-fatt, is-sit jippubblika miżinformazzjoni li hija kondiviża bħala informazzjoni reali.

**Sommarju tal-attività:**

- Kien faċli jew diffiċli li tivverifika dan is-sit permezz tal-metodu li jinkludi qari laterali?
- Ġieli tipprattikaha, din il-metodoloġija?
- Qed tippjana li tipprattikaha? U għaliex?
- Meta huwa partikolarment importanti li tipprattikaha?

## Attività 3 **Mekkaniżmi, preġudizzji u fallaċji**

Il-mekkaniżmi soċjali, il-preġudizzji konjittivi u l-fallaċji loġiċi huma fatturi li jgħinu biex jinxterdu d-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni. Billi nsiru nafu xi wħud minnhom, nistgħu nkunu aktar konxji tagħhom u nkunu aktar kritiċi għal forom oħra ta' manipulazzjoni.

**L-objettivi tal-attività:**

- L-iżvilupp ta' kuxjenza dwar il-mekkaniżmi soċjali, il-preġudizzji konjittivi u l-fallaċji loġiċi
- L-iżvilupp tal-kompetenza fil-ħsieb kritiku

**Età tal-istudenti:** 13-il sena u 'l fuq

**Ħin** 45 minuta

**Kompitu:**

Staqsi lill-parteċipanti biex jiffurmaw 7 gruppi. Ipprovdi lil kull grupp b'Karta tas-Sitwazzjonijiet u Lista ta' fallaċji loġiċi/preġudizzji/mekkaniżmi soċjali. Kull grupp jeħtieġ li jaqra s-sitwazzjonijiet fuq il-karti tiegħu u jqabbilhom mal-fallaċji loġiċi, il-preġudizzji u l-mekkaniżmi soċjali. (Jista' jagħti l-kas li jkun hemm iktar minn wieħed li jaqbel mas-sitwazzjoni mogħtija). Wara dan, il-gruppi jingħaqdu lkoll flimkien u jaqsmu t-tweġibiet tagħhom mal-bqija.

**Sommarju tal-attività:**

- Kien faċli jew diffiċli li jitqabblu s-sitwazzjonijiet u l-fallaċji loġiċi/preġudizzji/mekkaniżmi soċjali?
- Kont taf xi wħud minnhom? Liema? Liema kienu totalment ġodda għalik?
- Tista' tipprovdi eżempji konkreti mir-realtà tiegħek li jirrappreżentaw xi wħud minn dawk il-fallaċji/preġudizzji/mekkaniżmi soċjali?
- Taf b'xi eżempji oħra ta' fallaċji loġiċi/preġudizzji/mekkaniżmi soċjali?
- B'liema mod nistgħu nużaw l-għarfien tal-fallaċji loġiċi/preġudizzji/mekkaniżmi soċjali biex dawn ikunu jistgħu jgħinu, meta wieħed jiġi biex jitkellem dwar id-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni?

# Il-KARD tas-SITWAZZJONIJIET

**1** Waqt diskussjoni taħraq online dwar persuni b'karnaġun skur, utent ippostja dan: Kulħadd jaf li dawn in-nies huma perikolużi u jġibu magħhom il-kriminalità. Ara kemm nies jaqblu miegħi, fil-belt tagħna! Jeħtieġ li dawn jitilqu 'l barra, biex nipproteġu l-komunità tagħna.

**2** Matul laqgħa tal-komunità dwar l-aġġornament tal-politiki tal-iskejjel lokali biex ikunu aktar inklużivi tal-istudenti LGBTQ+, resident li ilu jgħix f'din il-lokalità għal żmien twil iqum u jgħid: Għal ġenerazzjonijiet sħaħ tgħallimna li ż-żwieġ huwa biss bejn raġel u mara. Dan huwa kif dejjem kien u kif għandu jibqa'. Il-promozzjoni ta' dawn l-ideat ġodda fl-iskejjel tagħna hija attakk fuq il-valuri tagħna.

**3** Waqt dibattitu pubbliku dwar ir-rilokazzjoni tar-refuġjati, kelliem jirreferi għal żieda reċenti fil-qgħad li seħħet ftit wara li grupp ta' refuġjati waslu fil-belt: Minn mindu waslu dawn, ir-rati tal-qgħad tagħna żdiedu. Huwa ovvju li dawn qed jieħdu l-impjiegi kollha tan-nies bieżla tal-lokal.

**4** Meta Sarah ngħaqdet mal-klabb tal-kompjuter tal-iskola, hija kienet ħerqana li tittanta xortiha sabiex tkun parti mit-tim tal-kompetizzjoni. Matul il-laqgħat tal-ippjanar, is-suġġerimenti tagħha bdew jiġu injorati, u minflok, hija ntalbet biex tgħin biex "isiru l-islides tal-PowerPoint". Xi ħbieb tal-klassi tal-fehma li l-ikkodifikar "sempliċiment mhux għall-bniet." Fi żmien l-għażla tal-mexxej tat-tim, min jieħu ħsieb dan il-klabb ikun minn tal-ewwel li jagħżel tifel, għax jemmen li dan se jkun qed "jitkellem aħjar fuq il-palk."

**5** Waqt dibattitu jaħraq dwar gruppi reliġjużi, parteċipant jiddikjara: Jista' jkun fatt skomdu, iżda għall-kuntrarju ta' dawk in-nies, li t-twemmin tagħhom huwa mimli preġudizzju u intolleranza, il-konklużjoni tiegħi hija li r-reliġjon tagħhom għadha intrinsikament lura u hija perikoluża.

**6** Waqt dibattitu dwar l-għoti ta' permess lil ċentru komunitarju ġdid għal grupp ta' minoranza, kelliem jargumenta: Jekk nippermettulhom jibnu dan iċ-ċentru, dawn imbagħad se jkunu qegħdin jitolbu li jkollhom l-liġijiet tagħhom. Dalwaqt se jkunu qed jieħdu f'idejhom il-postijiet fejn ngħixu filwaqt li jimponu l-kultura tagħhom fuq uliedna. Jeħtieġ li nwaqqfu dan kollu, għax inkella se nkunu qegħdin nitilfu l-istil kollu ta' ħajja tagħna.

**7** Jake, li juża siġġu tar-roti, huwa ħerqan li jservi fil-kunsill tal-istudenti u jgħin fl-ippjanar tal-festival annwali tal-iskola. Fl-ewwel laqgħa, sħabu tal-klassi jiddeċiedu b'mod unanimu li ma jistax jingħaqad mat-tim tal-loġistika, u jiddikjaraw li dan ix-xogħol "mhux adattat" għal xi ħadd bil-limitazzjonijiet tiegħu. Min jieħu ħsieb dan il-kunsill jappoġġja l-għażla tagħhom u jgħid lil Jake biex jassisti biss mill-bogħod, u jirrifjuta li jħallih jipparteċipa b'mod dirett fuq il-lant tal-attività. Meta tqajjem ilment, lil Jake qalulu, "Huwa sempliċement aktar faċli għal kulħadd jekk nimxu b'dan il-mod." Għalkemm Jake jiġbed l-attenzjoni lejn dawn l-inġustizzji u għandu l-ħiliet adatti u meħtieġa, huwa jitħalla barra sempliċement minħabba li għandu diżabbiltà.

## Lista ta' fallaċji loġiċi/preġudizzji/mekkaniżmi soċjali

**A** **Preġudizzju dwar elementi mhux viżibbli** – it-tendenza li wieħed jara lilu nnifsu bħala inqas ippreġudikat minn persuni oħra.

**B** **Stereotip/Preġudizzju** – l-istereotipi huma twemmin issimplifikat iżżejjed dwar grupp ta' persuni bl-istess identità, u li jsawwar il-mod kif jiġi ttrattat dan il-grupp, filwaqt li l-preġudizzju huwa opinjoni jew ġudizzju pprekonċepit dwar individwi jew gruppi, li huwa marbut ma' emozzjonijiet negattivi u li dawn jiġu evitati.

**C** **Appell għat-tradizzjoni** – meta argument jassumi li xi ħaġa hija tajba jew vera sempliċiment minħabba li tradizzjonalment dejjem hekk saret jew hekk ġiet emmnuta, mingħajr ma jiġi meqjus jekk din għadhiex valida fil-kuntest attwali.

**D** **Post hoc, ergo propter hoc** – żball loġiku fil-konklużjoni żbaljata li tikkunsidra li hemm rabta kawżali bejn żewġ avvenimenti, sempliċiment minħabba li wieħed seħħ qabel l-ieħor.

**E** **Argumentum ad populum** – mod superfiċjali ta' kif wieħed jargumenta, li fih il-kelliem jappella għall-gosti, il-preferenzi u l-preġudizzji tal-folla. Billi jibbaża fuq l-egoiżmu nazzjonali, l-istinti, l-istereotipi jew il-preġudizzji, il-kelliem jipprova jirbaħ il-massa biex din tallinja mat-teżi tiegħu.

**F** **Fallaċja li taqbad triq għan-niżla** – isseħħ meta xi ħadd jiddikjara li pożizzjoni jew deċiżjoni se twassal għal sensiela ta' konsegwenzi negattivi mhux intenzjonati.

**G** **Scapegoating/Tweħħel f'ħaddieħor** - Tort mhux iġġustifikat li jingħata lil xi ħadd jew lil xi grupp għall-problemi jew avvenimenti negattivi, u ħafna drabi dan biex l-attenzjoni tiġi ddevjata lil hinn mill-kawżi reali.

**H** **Id-diskriminazzjoni** – it-trattament inġust tan-nies jew iċ-ċaħda ta' opportunitajiet, danakollu minħabba f'karatteristiċi bħall-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, id-diżabbiltà, in-nazzjonalità, l-etniċità, ir-reliġjon, jew identità oħra tal-grupp.

Tweġibiet korretti: 1: B and E, 2: B and C, 3: D, 4: B, 5: A and B, 6: B and F, 7: H.

## Attività 4 **Agħraf id-diskors ta’ mibegħda!**

**Objettivi:**

- Titgħallem tiddistingwi bejn diskors ta’ mibegħda attwali u espressjonijiet li jistgħu jkunu offensivi jew kontroversjali, iżda li ma jissodisfawx id-definizzjoni ta’ diskors ta’ mibegħda.
- Il-prattika ta’ reazzjonijiet xierqa.

**Età tal-istudenti:** 13-il sena u 'l fuq

**Ħin:** 45 minuta

**Struzzjonijiet:**

1. Qassam il-“Kard tas-Sitwazzjonijiet” u l-“Kards tal-kompiti” lil kull parteċipant. Agħtihom ftit ħin biex iwieġbu l-mistoqsijiet. Il-parteċipanti huma mitluba jidentifikaw jekk is-sitwazzjonijiet partikolari humiex diskors ta’ mibegħda jew le u jagħżlu r-reazzjoni li kieku jieħdu fid-dawl tas-sitwazzjoni. Huma jistgħu wkoll jipprovdu r-raġuni tagħhom għal-għażla tar-reazzjoni. Qabel l-attività tista’ tippreżenta d-definizzjonijiet ta’ x’inhuma d-diskors ta’ mibegħda u d-diżinformazzjoni.
2. Iġbor il-parteċipanti f’timijiet ta’ 3-5 persuni u ħallihom jiddiskutu t-tweġibiet tagħhom - itlobhom jiffukaw fuq ix-xebh u d-differenzi u itlobhom jispjegaw l-għażliet tagħhom. Il-kompitu mhuwiex li jinstabu tweġibiet komuni, iżda pjuttost li wieħed jara d-diversità tar-reazzjonijiet.
3. Itlob lill-gruppi feedback/rispons għall-ħidma tal-grupp, u jekk meħtieġ joffru li jikkoreġu, jekk jidentifikaw parteċipanti li jkunu kklassifikaw l-eżempji b’mod żbaljat (eż. ma jkunux identifikawx id-diskors ta’ mibegħda b’mod korrett).

**Sommarju tal-attività:**

- Kellek problemi biex tidentifika l-eżempji ta’ diskors ta’ mibegħda? X’għamlet l-istqarrija biex qabżet il-linja u spiċċat ikklassifikat bħala diskors ta’ mibegħda?
- Tħoss li huwa diffiċli tirreaġixxi? X'ħiliet hemm bżonn biex tagħmel dan?
- Għaliex huwa rrakkomandat li tirreaġixxi għad-diskors ta’ mibegħda?

# Kard tas-sitwazzjonijiet

1. Post fuq il-media soċjali dwar l-immigranti li jgħid: Morru lura minn fejn ġejtu, għax hawn mhux postkom!
2. Post fuq il-media soċjali dwar il-Musulmani li jgħid: Ir-reliġjon tagħhom tgħallimhom jobogħdu lill-oħrajn!
3. Jien xbajt b'din il-korrettezza politika kollha. Kulħadd sar sensittiv wisq illum.
4. Ejjew nevitaw lil Pietru! Dan qed jitfa' l-grupp lura!
5. Meme li tirredikola l-aċċent ta' xi ħadd, u torbtu mal-etniċità tiegħu.
6. In-nisa huma wisq emozzjonali biex ikunu mexxejja!
7. Ma nistgħux nippermettu lill-immigranti joqogħdu hawn, għax dawn iridu biss jieħdu vantaġġ mis-sistema tas-sigurtà soċjali, u ma jridux jaħdmu. M'għandniex bżonn nies bħal dawn.

# Kard tal-kompiti

1. L-istqarrija hija waħda li tinvolvi diskors ta' mibegħda jew le? Għaliex?
2. Kif kieku tirreaġixxi? (Tista' tagħżel aktar minn waħda):

| | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Tinvolvi ruħek f'diskussjoni rispettuża (jekk din tista' sseħħ b'mod sikur)** | | | | | | | |
| **Tisfida l-miżinformazzjoni (jekk dan jista' jseħħ b'mod sikur)** | | | | | | | |
| **Tirrapporta lill-pjattaforma/moderatur** | | | | | | | |
| **Tinjoraha** | | | | | | | |
| **Tibblokka l-utent** | | | | | | | |
| **Teduka lill-persuna (jekk dan hu xieraq u jista' jseħħ b'mod sikur)** | | | | | | | |
| **Tfittex aktar informazzjoni dwar il-perspettiva tal-utent** | | | | | | | |
| **Reazzjoni oħra::**............................................................................... ................................................................................... | | | | | | | |

## Attività 5 **Kif tibqa' kalm**

Meta nirreaġixxu għad-diskors ta' mibegħda, huwa importanti li wieħed ikollu kontrol tal-emozzjonijiet f'sitwazzjonijiet provokattivi. Dan jippermetti rispons razzjonali u kostruttiv filwaqt li jinżamm ir-rispett lejn il-persuna l-oħra. Il-kontroll tal-emozzjonijiet jista' jgħin biex titnaqqas it-tensjoni, tiġi evitata l-eskalazzjoni tal-aggressjoni, u l-konverżazzjoni ssir aktar sikura u aktar produttiva.

**L-objettivi tal-attività:**

- Titgħallem strateġiji biex tikkontrolla emozzjonijiet diffiċli u tibqa' rregolat meta tittratta d-diskors ta' mibegħda
- Tkun imħejji aħjar kif tittratta u tirrispondi għad-diskors ta' mibegħda b'mod effettiv

**Età tal-istudenti:** 10 snin u 'l fuq

**Ħin:** 45 minuta

**Kompitu:**

Biex tgħin lill-istudenti tiegħek jiżviluppaw kontroll aħjar fuq l-emozzjonijiet tagħhom – bħad-dwejjaq, ir-rabja, jew l-istress – agħżel eżerċizzji xierqa u uri filmati qosra li joffru struzzjoni, jew uri t-tekniki inti stess.

It-teknika ta' respirazzjoni kwadra tista' tgħin f'każ li tħossok anzjuż, mgħobbi żżejjed, jew meta tkun għaddej minn mument stressanti:

Il-metodu 5-4-3-2-1 jista' jintuża biex tikkalma billi tankra lilek innifsek fil-mument preżenti:

Eżerċizzju li permezz tiegħu tiskennja ġismek jgħin biex itejjeb il-konċentrazzjoni u benesseri ġenerali:

**Sommarju tal-attività:**

- Kien faċli jew diffiċli li titgħallem l-eżerċizzji li jgħinuk tikkalma?
- Liema eżerċizzji jgħoġbuk l-aktar?
- F'liema tipi ta' sitwazzjonijiet jistgħu jkunu ta' għajnuna?
- X'modi oħra tuża biex tikkalma? Tista' wkoll tissuġġerixxi dawn li ġejjin:
    - Cgħodd sal-10 jew sal-100;
    - Tieqaf ftit, u/jew toħroġ għall-arja friska;
    - Tisma' l-mużika, u/jew taħseb f'xi ħaġa oħra;
    - Timxi, titmattar, tagħmel xi eżerċizzju, tiġġoggja, iċ-ċikliżmu;
    - Tiltaqa', titħaddet jew tilgħab xi logħob mal-ħbieb jew il-familja;
    - Tinvolvi ruħek f'xi passatemp;
    - Tistaqsi għall-għajnuna.

## Linji ta' għajnuna

Fil-kuntest tal-ħidma fuq id-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni maż-żgħażagħ, huwa importanti li dawn jiġu appoġġjati, fl-eventwalità li wara l-parteċipazzjoni f'dawn it-tali attivitajiet edukattivi, dawn ikunu qegħdin isibu xi ħsibijiet jew xi riflessjoni diffiċli. Idealment, dawn isibu s-sapport min-naħa tiegħek, mill-familji tagħhom, jew mill-ħbieb. Madankollu, f'kull każ, nirrakkomandaw li ż-żgħażagħ jiġu pprovduti b'informazzjoni ta' kuntatt minn fejn jistgħu jiksbu l-għajnuna (helplines), li jista' jgħinhom kemm f'dan il-każ kif ukoll fi kwalunkwe sfidi oħra tal-ħajja.

Il-linji ta' għajnuna għat-tfal huma organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, korpi tal-gvern, jew intrapriżi soċjali li joffru għajnuna, appoġġ, u servizzi ta' counselling lit-tfal (dawk li għandhom 18-il sena u inqas) u liż-żgħażagħ (sal-età ta' 25 sena), kemm permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni online kif ukoll offline.

Ħafna drabi, il-linji ta' għajnuna għat-tfal iservu bħala l-ewwel punt ta' kuntatt mas-servizzi tal-protezzjoni tat-tfal, għal dawn il-preadoloxxenti u l-adoloxxenti, u spiss ikunu l-aktar mod fdat u aċċessibbli biex permezz t'hekk dawn iż-żgħażagħ jirċievu s-sapport usa' li jistgħu jkunu jinħtieġu.

ChildHelpLineInternational.org/helplines

**Xi rakkomandazzjonijiet** għal sorsi oħra minn
fejn tista' ssib aktar taħriġ/informazzjoni dwar is-suġġett

Dawn l-Għodod Edukattivi nħolqu bħala parti mill-proġett HATEDEMICS — "Il-ħolqien ta' xkiel għad-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni permezz ta' teknoloġiji bbażati fuq l-Intelligenza Artifiċjali sabiex dawn jipprevjenu u jiġġieldu l-polarizzazzjoni u t-tixrid ta' diskors razzist, ksenofobiku, u intolleranti u teoriji ta' kumplott."

L-għan tal-proġett huwa li jsaħħaħ il-miżuri preventivi u reattivi kontra d-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni mxerrda online. Il-proġett jagħti s-setgħa lill-għaqdiet non-governattivi u dawk tas-soċjetà ċivili, verifikaturi tal-fatti, awtoritajiet pubbliċi, u attivisti żgħażagħ biex jipprevjenu u jiġġieldu b'mod effettiv il-polarizzazzjoni, it-tixrid ta' diskors razzist, ksenofobiku, u intolleranti, kif ukoll teoriji ta' kumplott.

Drittijiet tal-awtur © 2025 L-imsieħba fil-Konsorzju HATEDEMICS. Id-drittijiet kollha riżervati.
HATEDEMICS huwa proġett tal-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV) appoġġjat mill-Unjoni Ewropea taħt il-Ftehim ta' Għotja (GA) nru 101143249.
Inti għandek permess tikkopja u tiddistribwixxi kopji verbatim ta' dan id-dokument, li fih dan l-avviż dwar id-drittijiet tal-awtur. Kwalunkwe modifika ta' dan id-dokument mhijiex permessa.

Il-fehmiet u l-opinjonijiet espressi huma dawk tal-awtur(i) biss u mhux neċessarjament jirriflettu dawk tal-Unjoni Ewropea jew tal-EACEA. La l-Unjoni Ewropea u lanqas l-awtorità li qed toffri l-għotja ma jistgħu jinżammu responsabbli għalihom.